**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**
**LAQGĦA NUMRU TNEJN U ĦAMSIN** **27 ta' Settembru, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, l-kunsilliera Dr Tiffany Ann Attard, s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Il-Kunsillier Marisa D'Amato

**ASSENTI**

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **52.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 52.1.1 | | Il-Kunsillier Marisa D'Amato informa li ma setgħax jattendi minħabba raġuni ta xogħol. L-ittra tal-appoloġija annessa **dok 1**. |
| | | |
| **52.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 52.2.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal li Ħaxix fi Triq San Luqa għadu ma inqatax.<br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li kien hemm parkeġġ ta' persuna b'diżabilita fi Triq J M Cassar, biex titneħħa peress li m'hemmx bżonnha. |
| 52.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tal-wieħed u ħamsin -il seduta. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***52.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 52.3.1 | | Is-Sindku qalet li kif kien maqbul mill-Kunsill, sar kors tal-presepji, fis-sala taż-Żurrieq Wolves. Kien hemm konkorrenza ta' 43 parteċipant. Iż-Żurrieq Wolves tħalsu 250E tas-sala. Mil-flus li inġabru mill-parteċipanti, il-Kunsill ser iħallas għas-sala u tħallsu xi affarijiet li intużaw waqt il-kors. Il-fondi li kien fadal li jammontaw 550Euro ingħataw donazzjoni lid-Dar tal-Providenza. |
| | | |
| 52.3.2 | | Is-Sindku qalet li:<br>• Fil-15 ta' Ottubru ser tiġi organizzata tberik tal-Annimali f'Bubaqra.<br>• Fid-9 ta' Diċembru ser isir il-Christmas Village f'Bubaqra ukoll.<br>• Ser isir weekend break fil-Paradise Bay Hotel bejn l-20 sa 22 ta' Ottubru. Infeta] il- booking.<br>• Fl-14 ta' Ottubru ser jinqata ż-żebbuġ bl-għajnuna tar-Reġjun Punent |
| | | |
| 52.3.3 | | Is-Sindku qalet li f'ċertu irħula hemm toroq imżejnin b'umbrelel, etc.<br>Hi ssuġġeriet li tiġi mżejna bit-tajr, Trejqa Santa Katarina. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 52.3.4 | | Il-kap tal-iskola tal-inġinerija jrid li jagħmel opening day tal-iskola. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***52.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 52.4.1 | | Il-Viċi Sindku qal li<br>• hemm bżonn li jinżabru s-siġar taż-żebbuġ fi Pjazza San Ġorg.<br>• Hemm bżonn li issir Triq il-Qrendi u Triq Vincenzo Schembri.<br>• Il-familja Sammut tixtieq tirregala mitħna tal-injam lill-Kunsill. Kien hemm qbil li tiġi aċċettata u titpoġġa fil-Mitħna tax-Xarolla.<br>• Il-wirja ta' pittura u ċeramika fil-Mitħna tax-Xarolla mis-27 sad-29 ta' Ottubru.<br>• Isir poster biex tiġi rreklamata l-attivita. |
| | | |
| 52.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem Schembri qal:<br>• biex tinżabar siġra taż-żebbuġ fi Triq Napuljun<br>• Biex tissewwa Triq Ħal Millieri<br>• Biex tissewwa Triq Dun Gwann Camilleri u Triq Vincenz Caruana għax il-patching sar ħażin<br>• Triq iċ-Ċombini – tkellem mal-familja tal-Maġistrat u baqa jinsisti li t-triq issir one way. Din l-issue tqajmet fl-aħħar seduta u ma kienx hemm qbil. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 52.4.4 | | Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard tkellmet fuq ir-rigward tal-proġett tal-Mitħna tax-Xarolla li l-kuntratt għalkemm għadu ma bedix, skada b'aktar minn sena.<br>Staqsiet jekk il-kuntrattur għamilx il-garanzija u skaditx, jekk hux ser ikun hemm multi għaliex il-proġett għadu ma bedix. Jekk il-Kunsill hux ser jibqa jistenna lil dan il-kuntrattur biex jibda.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato spjega x'qed jiġri – Minn mindu beda dan il-ħsieb tal-proġett ta' madwar il-Mitħna, inbidlu madwar 4 periti. Is-soluzzjoni kienet li l-katakombi jitattew bil-ħġieġ biex jipproteġihom mil-elementi kollha. Hu flimkien mal-perit li għandu l-Kunsill bħalissa, u s-Sindku marru diversi drabi għal-laqgħat mal-kuntrattur li ħa t-tender. Re toilets kien hemm qbil li jsiru tnejn, imma l-perit, wara li ħarġu l-permessi meħtieġa, qalet li ma hemmx fejn jitpoġġew tnejn u ċ-ċint tal-għalqa l-perit qed tibża li jisfronda waqt li jsir ix-xogħol. Talbet xi interventi fuqu u l-Kunsillier tkellem mas-sidien tal-għalqa u dawn qalu, li ma jaqblux li jintmiss mill-Kunsill. Kien ġie ssuġġerit post ieħor fejn jistgħu jsiru t-toilets imma l-perit ma kkomunikatx iżjed. Mill-SCH kollox sabu li kien tajjeb.<br>F'dan il-proġett, issa t-toilets l-aktar ħaġa importanti li jinbdew.<br>Kien hemm qbil li issir laqgħa bejn dawk kollha involuti u jiġi insistit li jinbeda x-xogħol tat-toilets.<br><br>Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li l-Kunsill qatt ma ħa azzjoni kontra l-perit tal-Kunsill. Il-Kunsill għandu diversi oġġezzjonijiet fuq il-perit tal-Kunsill u qatt ma ħa azzjoni. Ir-realta ma tippermettix li dan il-Kunsill ikollu lil dan il-perit. Dan kollu ħsara lejn il-Kunsill. |
| | | |
| 52.4.5 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• staqsa fuq is-cctv ta' Misraħ Repubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġabet stima waħda u ħaddieħor qallilna li ma jridux jagħtu stima bl-ispecifications li ingħataw. Kien hemm qbil li tiġi ordnata mingħand il-kuntrattur li ta l-istima.<br>• Kien hemm qbil li tinkiteb email lis-Sur Claudio Tonna biex jiġi mistoqsi għalfejn s-cctv qed iddur.<br>• Fl-attivita ta' Filfa li organizzaw ir-Reġjun Punent n-nies li attendew ħadu gost. Iħeġġeġ biex terġa issir darb oħra. Issuġġerixxa li tiġi organizzata attivita simili mal-Kunsilli ta' wara l-mina. |
| | | |
| 52.4.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• irringrazzja lil kull min ta l-appoġġ waqt il-mawra ta' Pedara.<br>• Qed issir Triq Sant Andrija, jeħtieġ li terġa titwaħħal il-bollard li kien hemm mal-knisja. Sar xi konkos mal-kappella ta' Sant Agatha u dan qed ikun ta' detriment minħabba umdita lejn il-kappella<br>• Tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Fr Curmi filwaqt li nirringrazzjawh tal-ewwel volum li sar fuq il-ktieb u ninkoraġġuh biex isir it-tieni volum ta' dan il-ktieb.<br>• Kien hemm qbil li jiġi printjat iżjed kopji. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Stieden lill-kunsilliera jattednu għal kunċert li ser isir il-Manuel Theatre. |
| | | |
| 52.4.7 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li jrid jiġbed l-attenzjoni ta' oġġezzjonijiet li saru fuq applikazzjonijiet li kien ġibdilna l-attenzjoni fuqhom il-konsulent tal-Kunsill fuq PA. Hu staqsa jekk il-Kunsill issa hux ser jieħu azzjoni fuq dawk li qed joħorġu. Ir-risposta kienet li dan is-suġġett jinsab item fuq l-aġenda. |
| | | |
| 52.4.8 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud tkellem fuq :<br>• punt 51.7.1 qal il-kliem fil-minuti għandu jkun li l-Kunsilliera preżenti ma qablux mal-każ u mhux kif ġie imniżżel li ingħata x'wieħed jifhem li kien hu biss. Il-minuti ġew emendati.<br>• Biex isir party tal-halloween f'Novembru, fiż-Żurrieq Wolves. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li l-attivita issir fis-sala taż-Żurrieq Wolves u li l-ikel għall-istess attivita jiġi provdut direttament minn Żurrieq Wolves.<br>• Biex jitnaddaf gutter fi Triq San Bartilmew.<br>• Sar inċident fuq il-ħnejja u sid il-villa li hemm fil-viċin, qed jipproponi li jsiru poles f'nofs ta' triq ħalli ma jaqsmux vetturi li jkunu ġejjin mill-Wied, biex jipparkjaw fuq il-ħnejja. Dan il-każ diġa kien tressaq f'seduta preċedenti u ma kienx hemm qbil. Kien hemm qbil li jintalab il-parir ta' TM fuq dan il-każ.<br>• Hemm mera nieqsa faċċata tal-villa ta' fuq il-ħnejja. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li mera biex tinqeda persuna waħda, l-ewwel darba issir mill-Kunsill u meta tinkiser issir mill-individwu li jkun talabha, ġaladarba tkun għalih personali. |
| | | |
| ***52.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| 52.5.1 | | Ma kienx hemm rapporti x'jintqalu. |
| | | |
| ***52.6*** | | ***Konsulenza għall-Kunsill fir-rigward tal-permessi Planning Authority*** |
| | | |
| 52.6.1 | | Minħabba li l-konsulent li kellu l-Kunsill Lokali, informa li ma setgħax jkompli jgħati s-servizz tiegħu, il-Kunsill jeħtieġlu li jfittex għall- konsulent ieħor. Is-Sindku qalet li l-importanti li l-persuna li tintażel ma tkunx tista titfa applikazzjonijiet fil-PA.<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv titlob linji gwida mill-konsulent preċedenti, biex jintużaw għall-persuna li ser tiġi innominata.<br><br>Daħlet applikazzjoni minn resident miż-Żurrieq u tali applikazzjoni ġiet imdawra mal-Kunsilliera preżenti. Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard, ħarġet mis-seduta minħabba kunflit ta' interess.<br>Din l-applikazzjoni ser inessaqa lill-konsulent li kellna qabel biex jagħmel l-interview. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Il-Viċi Sindku qal li għandha issir call pubblika biex japplikaw iżjed persuni. Kien hemm qbil li tinħareġ call fuq fb u jittieħed parir mill-konsulent preċedenti. Il-Kunsill ser jgħati ċans ta' ħmistax -il ġurnata minn meta toħroġ il-call.<br>Il-Kunsillier Tiffany Ann Attard qalet li l-Kunsill għandu jikteb lill-Project Green biex fin-Nigret fejn hemm permess għall-iżvilupp isir open green project bħal mhu qed isir f'każijiet oħra f'irħula oħra. |
| | | |
| ***52.7*** | | ***Proġett ta' Misraħ Repubblika*** |
| | | |
| 52.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-bieraħ il-Perit, bagħat pjanti ġodda b'dak mitlub mill-Kunsill. Kien hemm qbil li nistennew 24 siegħa oħra sakemm iwiebu s-soċjetajiet, u jiġi diskuss mal-perit x'materjal ser jintuża għal art u aktar dettalji ta' x'ser isir eżatt u jista jipproċedi bl-applikazzjoni. |
| | | |
| **52.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***52.9*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 52.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• Bis-saħħa tal-għajnuna tar-reġjun Punent, il-Kunsill rebaħ 30K mela l-applikazzjoni għall-kompetizzjoni ta' permanent sustainable mobility measure ġiet milqugħa u mirbuħa. Issa ser tinħareġ tender u inkunu nistgħu nibdew il-proċess.<br>• Il-fun run ser issir il-Ħadd 2 ta' Ġunju, 2024. Din ser issir mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni maż-Żurrieq Wolves Athletics club.<br>• Hemm 17 – il kunsill fosthom hemm il-Kunsilli Lokali ta' M'Scala, Tarxien, Valletta, Sliema li daħlu fi skema ta' manutenzjoni ta' computers mal-Kumpanija The Note book centre. Il-Kunsill iħallas 5k għal sena u jiffirma kuntratt li kull resident ikollu darba bla ħlas għal manutenzjoni tal-computer tiegħu. Din kienet diġa għaddiet f'seduti preċedenti. Ma kienx hemm qbil fuq dan.<br>• Persuna li għandha żewġ garaxxijiet fi Vjal Ix-Xarolla, trid li jkollha l-bollards jinqalgħu min-nofs ta' triq, ħalli jkun jista jimmanuvra l-vetturi hu u jdaħħalhom fil-garaxx. Kien hemm qbil li jinbidlu u niktbu lil dan is-sid li ser ineħħiehom b'responsabbilta u b'periklu tiegħu u mhux tal-Kunsill. Il-Kunsillier Joseph D'Amato ma qabilx li għandu jsir dan, imma li jitneħħew il-bollards kompletament biex ma jxekklux lil sid il-garage. |
| | | |
| 52.9.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li irċeviet korrispondenza mingħand il-Perit fir-rigward tal-mistoqsijiet ta' xogħol fl-akwati tal-Mitħna tax-Xarolla.<br><br>Dawn huma l-mistoqsijiet u r-risposti li ħa l-Kunsill kienu dawn:<br>• Ħafna mix-xogħol li kien hemm fit-tender sar mill-ħaddiema tal-Public Works waqt il-manutenzjoni tal-Mitħna tax-Xarolla, x'jonqos li jsir u li ma sarx diga minn dawn il-haddiema? Ħafna mix-xogħol tat-tender jinkludi l- |

| | | |
|---|---|---|
| | | • installazzjoni ta' struttura tal-ħadid u l-ħġieġ, sa fejn naf jien dan ix-xogħol ma sarx min-naħa tal-Public Works.<br>• Il-kuntratt tal-proġett kellu skadenza ta 12 -il ġimgħa, issa li tali dati skadew x'ser isir? Din mhux xi ħaġa li nista nwieġeb min-naħa tiegħi, kif ħa jiġu enfurzati l-klawsoli tal-kuntratt. Min-naħa tiegħi qed nistenna dettalji tal-istruttura biex inkun nista ngħaddija lil SCH għal approvazzjoni tagħhom kif jitlob il-permess.<br>• F'katakombi identiċi bħal taż-Żurrieq, Kunsill ieħor qabbad arkeologu biex jagħmel studju qabel jibda x-xogħol, u jdum jissorvelja sa sena minn mindu jsir ix-xogħol. Dan ser isir fil-proġett tax-Xarolla? Il-Permess jitlob lix-xogħol jiġi sorveljat minn Archeological Monitor, pero s'issa ma ntallabx li jiġi sorveljat għal sena wara li jseħħ ix-xogħol. |
| | | |
| ***52.10*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 52.10.1 | | Ġew approvati il-minuti ta Reġjun Punent laqgħa 25 u Galxlokk laqgħa 143 |
| | | |
| ***52.11*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 52.11.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala Dok 2 għall-ammont totali ta' €62,523.81<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u mill-Kunsilliera Kyle Mifsud u Dino Bonnici. |
| | | |
| ***52.12*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 52.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:40. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 18 ta' Ottubru, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum 18 ta' OTTUBRU, 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| Rita Grima<br>**Sindku** | Josianne Cilia Mumford<br>**Segretarju Eżekuttiv** |